MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta tal-5 ta' April, 2006

Numru. 390/2005

**Pulizija**
**Sp Walter Spiteri**
**vs**
**Charles Portelli**

**Il-Qorti rat l-imputazzjoni dedotta kontra Charles Portelli ta' 18-il sena iben John u Carmen nee Debono mwieled Pieta fil-11 ta' Settembru 1985 u residenti Block 1 Door B Flat 17 Triq il-Mithna Gudja, ID464185(M).**

**Akkuzat talli f'B'Bugia fit-8 ta' April 2004 ghall-habta tad-9.00pm, kkommetta serq ta' erba roti ta' karozza minn vettura ta' l-ghamla Skoda LAF 318 ghad-detriment ta' Anthony Micalelf, liema serq hu kkwalifikat bl-ammont li ma jeccedix l-elf lira Maltin, hin u x-xorta tal-haga misruqa, akkuzat ukoll talli fl-istess jum, u hin, f'dawn il-gzejjer xjentement kellu fil-**

**pussess tieghu affarijiet misruqa jew akkwistati b'reat u indahal biex ibieghhom jew imexxiehom.**

**Il-Qorti rat l-ammissjoni bikrija ta' l-imputat ta' llum 5 ta' April 2006 u ghal daqstant l-imputazzjoni giet ppruvata skond il-ligi.**

**Il-Qorti wara li rat l-Artikoli 261(c)(8)(9); 267; 270; 271(g); 279; 280 tal-Kap 9 ssib lill-imputat hati ta' l-imputazzjoni izda t-tieni parti taghha qed tqisha bhala alternattiva ghall-ewwel parti jigifieri dik il-parti fejn qed titkellem dwar ir-ricettazzjoni. Dwar il-piena, il-Qorti qed tikkunsidra l-ammissjoni bikrija ta' l-imputat, u li r-roti nghatat lura lil sidhom u kif ukoll li l-imputat kkopera mal-pulizija. Ghal daqstant il-Qorti flok ma tikkundanna lill-imputat, qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmel ebda reat iehor fi zmien tlett snin millum. Il-Qorti spjegat l-Artikolu 22 tal-Kap 446 lill-imputat fi kliem semplici.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------